

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1387

tad-9 ta' Ġunju 2016

li jemenda l-Annessi I u III tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2173/2005 wara Ftehim ta' Sħubija Volontarju mal-Indoneżja għal skema ta' liċenzjar FLEGT għall-importazzjonijiet ta' injam lejn l-Unjoni Ewropea

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2173/2005 tal-20 ta' Diċembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' skema ta' liċenzjar FLEGT għall-importazzjoni ta' injam fil-Komunità Ewropea ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(1) u (3) tiegħu,

Billi:

- (1) Ftehim ta' Sħubija Volontarju (VPA) bejn l-Unjoni u r-Repubblika tal-Indoneżja (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim") ġie ratifikat mill-Partijiet u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2014.
- (2) L-Artikolu 14(5)(e) tal-Ftehim jipprevedi li l-Kumitat Konġunt ta' Implimentazzjoni (JIC) stabbilit permezz tal-istess Ftehim għandu jaqbel dwar id-data li minnha għandha tibda titħaddem l-iskema ta' liċenzjar FLEGT wara li ssir evalwazzjoni tal-funzjonament tas-Sistema Indoneżjana ta' Assigurazzjoni tal-Legalità tal-Injam (TLAS) abbażi tal-kriterji stabbiliti fl-Anness VIII ta' dak il-Ftehim.
- (3) Valutazzjoni konġunta indipendenti tat-TLAS Indoneżjana kkonkludiet li t-TLAS Indoneżjana hija sistema robusta u li s-sistema tissodisfa l-kriterji għall-valutazzjoni tal-operattività stabbiliti fl-Anness VIII tal-Ftehim.
- (4) Iż-żewġ Partijiet issa jinsabu f'pożizzjoni fejn jistgħu jieħdu deċiżjoni dwar id-data tal-bidu tal-iskema ta' liċenzjar FLEGT għall-Indoneżja.
- (5) Bil-għan li tinbeda l-iskema ta' liċenzjar FLEGT għall-Indoneżja, l-Annessi I u III tar-Regolament (KE) Nru 2173/2005 għandhom l-ewwel jiġu emendati sabiex ir-Repubblika tal-Indoneżja u l-Unità ta' Informazzjoni dwar il-Liċenzjar tagħha jiġu inklużi fil-lista tal-"Pajjiżi msieħba u l-awtoritajiet tal-liċenzji maħturin tagħhom" li tinsab fl-Anness I, u fil-lista tal-prodotti koperti mill-iskema ta' liċenzjar FLEGT fl-Anness III "Prodotti tal-injam li għalihom l-iskema ta' liċenzjar FLEGT tapplika biss b'rabta mal-pajjiżi msieħba korrispondenti".
- (6) Ir-Regolament (KE) Nru 2173/2005 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2173/2005 huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

⁽¹⁾ ĠUL 347, 30.12.2005, p. 1.

Artikolu 2

L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 2173/2005 huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Jibda japplika mill-15 ta' Novembru 2016.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmula fi Brussell, id-9 ta' Ġunju 2016.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNEX

Anness I u Anness III għar-Regolament (KE) Nru 2173/2005 huma emendati kif ġej:

(1) Fl-Anness I, tiżdied it-tabella li ġejja:

"Pajjiż sieħeb	Awtoritajiet tal-liċenzji maħtura
IR-REPUBBLIKA TAL-INDONEŻJA	L-Unità ta' Informazzjoni dwar Liċenzji (LIU) ⁽¹⁾ Il-Ministeru tal-Ambjent u l-Forestrija Gedung Manggala Wanabakti Blok I Lantai 2 Jln. Gatot Subroto — Senayan Jakarta — Pusat — l-Indoneżja — 10270 Telefon: +62 21 5730268/269 Faks: +62 21 5737093 Posta elettronika: subditivlk@gmail.com; marianalubis1962@gmail.com

⁽¹⁾ Skont l-Artikolu 4(4) tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarju (VPA), l-Indoneżja stabbiliet Unità ta' Informazzjoni dwar Liċenzji (LIU) biex isservi bħala punt ta' kuntatt għall-komunikazzjonijiet bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tal-UE u l-Awtoritajiet tal-Liċenzji Indoneżjani. Il-LIU hija unità ta' ġestjoni tal-informazzjoni li tivvalida l-informazzjoni relatata mal-ħruġ ta' Dokument V-Legali/liċenzja FLEGT. Il-LIU hija responsabbli wkoll għall-iskambju ġenerali tal-informazzjoni dwar it-TLAS, u tirċievi u taħżen id-dejta u l-informazzjoni rilevanti dwar il-ħruġ ta' ċertifikati ta' legalità u ta' liċenzji FLEGT. Barra minn hekk, twieġeb ukoll il-mistoqsijiet mibgħuta mill-awtoritajiet kompetenti tal-iskambju kummerċjali u tal-partijiet ikkonċernati. Uħud mill-korpi ta' verifika, li huma korpi tal-valutazzjoni tal-konformità akkreditati mill-Korp Nazzjonali ta' Akkreditazzjoni Indoneżjan (KAN), huma awtorizzati u ssorveljati mill-Ministeru Indoneżjan tal-Forestrija u l-Ambjent biex jaġixxu bħala awtoritajiet tal-liċenzji. Il-lista aġġornata tal-awtoritajiet tal-liċenzji hija disponibbli permezz tal-LIU kif ukoll fuq il-link: <http://silk.dephut.go.id/index.php/info/ivlk>.

(2) Fl-Anness III, tiżdied it-tabella li ġejja:

"Pajjiż sieħeb	Intestatura tas-SA	Deskrizzjoni
IR-REPUBBLIKA TAL-INDONEŻJA	KAPITOLU 44	
	4401 21	Ħatab, f'forma ta' zkuk, zkuk ħoxnin, friegħi, qatet ta' għesieleġ jew forom simili; injam f'laqx jew fraq; serratura u skart u fdal ta' injam, kemm jekk magħqudin fi zkuk, <i>briquettes</i> , gerbub jew forom simili jew le.
	ex 4401 22	– Injam f'laqx jew fraq – – koniferu – Injam f'laqx jew fraq – – mhux koniferu (mhux tal-bambù jew tal-kannadindja)
	4403	Injam għadu aħrax, kemm jekk bil-qoxra jew bl-ilbieba mneħħija jew le, jew magħmul kwadru raff. (L-esportazzjoni tagħhom hija pprojbita skont il-Liġi Indoneżjana. F'konformità mal-Artikolu 3(3) tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarju bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Indoneżja dwar l-infurzar tal-liġi, it-tmexxija u l-kummerċ fis-settur forestali tal-prodotti tal-injam lejn l-Unjoni Ewropea (minn hawn' il quddiem imsejjaħ "VPA UE-Indoneżja") ⁽¹⁾ , il-prodotti li jaqgħu taħt dan il-kodiċi tas-SA ma jistax ikollhom liċenzja FLEGT u għalhekk ma jistgħux jiġu importati lejn l-Unjoni).
ex 4404 10	Injam magħmul minn laqx tal-injam (<i>chipwood</i>) u bħalu – koniferu	
ex 4404 20	Injam magħmul minn laqx tal-injam (<i>chipwood</i>) u bħalu – mhux koniferu – – injam magħmul minn laqx tal-injam (<i>chipwood</i>)	

Pajjiż sieħeb	Intestatura tas-SA	Deskrizzjoni
	ex 4404	Injam għaċ-ċrieki; arbli maqsumin; puntali, pali u bsaten tal-injam, bil-ponta iżda mhux isserrati mit-tul; bsaten tal-injam, mirqumin raff iżda mhux inturnati, milwijn jew maħdumin mod ieħor, tajbin għall-manifattura tal-bsaten tal-mixi, umbrelel, mankijiet tal-għodod jew bħalhom. (L-esportazzjoni tagħhom hija pprojbita skont il-Liġi Indoneżjana. F'konformità mal-Artikolu 3(3) tal-VPA UE-Indoneżja, il-prodotti li jaqgħu taħt dan il-kodiċi tas-SA ma jistax ikollhom liċenzja FLEGT u għalhekk ma jistgħux jiġu importati lejn l-Unjoni).
	4406	Travi tal-injam mimdudin (<i>sleepers, cross-ties</i>) għal-linji tal-ferrovija jew tat-tramm. (L-esportazzjoni tagħhom hija pprojbita skont il-Liġi Indoneżjana. F'konformità mal-Artikolu 3(3) tal-VPA UE-Indoneżja, il-prodotti li jaqgħu taħt dan il-kodiċi tas-SA ma jistax ikollhom liċenzja FLEGT u għalhekk ma jistgħux jiġu importati lejn l-Unjoni).
	ex 4407	Injam isserrat jew imlaqqax mit-tul, imfellel jew imqaxxar, inċanat, xkatlat jew imminċottat fit-truf, ta' ħxuna ta' iktar minn 6 mm.
	ex 4407	Injam isserrat jew imlaqqax mit-tul, imfellel jew imqaxxar, mhux inċanat, mhux xkatlat jew mhux imminċottat fit-truf, ta' ħxuna ta' iktar minn 6 mm. (L-esportazzjoni hija pprojbita skont il-Liġi Indoneżjana. F'konformità mal-Artikolu 3(3) tal-VPA UE-Indoneżja, il-prodotti li jaqgħu taħt dan il-kodiċi tas-SA ma jistax ikollhom liċenzja FLEGT u għalhekk ma jistgħux jiġu importati lejn l-Unjoni).
	4408 10	Folji għall-fuljetta (inklużi dawk magħmulin bit-tiflil ta' injam laminat), għat-triplaj jew għal injam simili laminat u injam ieħor, isserrat mit-tul, imfellel jew imqaxxar, inċanat, xkatlat, impalellat jew imminċottat fit-truf jew le, mhux eħxen minn 6 mm – Koniferu
	4408 31	Meranti Aħmar Skur, Meranti Aħmar Ċar u Meranti <i>Bakau</i>
	4408 39	Oħrajn, minbarra dawk koniferi, Meranti Aħmar Skur, Meranti Aħmar Ċar u Meranti <i>Bakau</i>
	ex 4408 90	Oħrajn, minbarra l-injam koniferu u tropikali speċifikat fin-Nota 2 tas-Subintestatura ta' dan il-kapitolu (mhux tal-bambù jew tal-kannadindja)
	4409 10	Injam (inklużi strixxi u freġji għal kisi ta' art bil-parkè, mhux immun-tat) b'forma kontinwa (mudullun, gruvjat, irbattut, iċċanfrinat, ingas-tat-V, biż-żibeġ, iffurmat, ittundjat jew simili) tul kwalunkwe xifer, tarf jew wiċċ tiegħu, inċanat, xkatlat jew imminċottat fit-truf jew le. – Koniferu
	ex 4409 29	– Mhux koniferu – ieħor (mhux tal-kannadindja)
	ex 4410 11	Bord tal-injam mill-frak, bord tat-tip <i>oriented strand board</i> (OSB) u bord simili (<i>pereżempju, waferboard</i>) tal-injam jew ta' materjali oħrajn għudin, magħqudin bir-reżini jew sustanzi organiċi oħrajn li jgħaqqdu jew le – Tal-injam – – Bord tal-injam mill-frak (mhux tal-bambù jew tal-kannadindja)

Pajjiż sieħeb	Intestatura tas-SA	Deskrizzjoni
	ex 4410 12	– Tal-injam – – Bord tat-tip <i>oriented strand board</i> (OSB) (mhux tal-bambù jew tal-kannadindja)
	ex 4410 19	– Tal-injam – – Oħrajn (mhux tal-bambù jew tal-kannadindja)
	ex 4411	Bord tal-fibri tal-injam jew materjali oħrajn għudin, magħqudin bir-reżini jew b'sustanzi organiċi oħrajn jew le (mhux tal-bambù jew tal-kannadindja)
	4412 31	Plajwud, pannelli miksiġin bil-fuljetta u injam laminat simili – Plajwud ieħor, magħmul biss minn folji tal-injam (minbarra l-bambù), b'kull folja ma tabqiżx il-ħxuna ta' 6 mm: – – b'għallinqas saff wieħed ta' barra ta' injam tropikali speċifikat fin-Nota 2 tas-Su-bintestatura ta' dan il-Kapitolu
	4412 32	– Plajwud ieħor, magħmul biss minn folji tal-injam (minbarra l-bambù), b'kull folja ma tabqiżx il-ħxuna ta' 6 mm: – – Oħrajn, b'għallinqas saff wieħed ta' barra ta' injam mhux koniferu
	4412 39	– Plajwud ieħor, magħmul biss minn folji tal-injam (minbarra l-bambù), b'kull folja ma tabqiżx il-ħxuna ta' 6 mm: – – Oħrajn
	ex 4412 94	– Oħrajn: – – Blokkbord, laminbord u <i>battenboard</i> (mhux tal-kannadindja)
	ex 4412 99	– Oħrajn: – – Oħrajn: – – – <i>Barecore</i> (skart tal-injam inkullat ma' xulxin) (mhux tal-kannadindja) u – – – Oħrajn (mhux tal-kannadindja)
	ex 4413	Injam densifikat, fi blokki, folji, strixxi jew forom profil (mhux tal-bambù jew tal-kannadindja)
	ex 4414	Gwarniċi tal-injam għall-pitturi, ritratti, mirja jew oġġetti simili (mhux tal-bambù jew tal-kannadindja)
	ex 4415	Kontenituri għall-imballaġġ, kaxxi, kannestri, tnabar u imballaġġ simili; tal-injam tnabar tal-injam għall-kejbils; palits, palits tal-kaxxi u twavel oħrajn tat-tagħbija, tal-injam; għenuq tal-palits tal-injam (mhux tal-bambù jew tal-kannadindja)
	ex 4416	Btieti (<i>casks, barrels, vats</i>), tnelly u prodotti oħrajn ta' buttar u partijiet tagħhom, tal-injam, inkluż l-injam imqawwes (<i>staves</i>) (mhux tal-bambù jew tal-kannadindja)
	ex 4417	Għodod, il-partijiet prinċipali tal-għodod, mankiġiet tal-għodod, xkupi jew xkupilji u l-mankiġiet tagħhom, tal-injam; forom tal-bwiez jew taż-żraben, tal-injam (mhux tal-bambù jew tal-kannadindja)
	ex 4418	Xogħol tal-mastrudaxxa u tal-karpentrija għall-benneja, inklużi pannelli tal-injam ċellulari, pannelli mmuntati għall-paviment, xaħx u <i>shakes</i> (mhux tal-bambù jew tal-kannadindja)
	ex 4419	Oġġetti tal-mejda u tal-kċina, tal-injam (mhux tal-bambù jew tal-kannadindja)

Pajjiż sieħeb	Intestatura tas-SA	Deskrizzjoni
	ex 4420 90	Intarsjar fl-injam u injam ingastat; kaxxetti u kaxxi tal-ġojjellerija jew tal-pożati, u oġġetti simili, tal-injam. – Oħrajn – – Injam fil-forma ta' zruk tas-siġar jew ta' zruk tas-siġar fil-forma ta' kaxxi li jkun sarlu pproċessar sempliċi fis-superfiċje, bħal tinqix jew intaljat fin jew miżbugħ, li ma jkollu l-ebda valur miżjud sinifikanti u l-ebda bidla sinifikanti fil-forma (is-SA ex 4420 90 90 00 fl-Indoneżja) (L-esportazzjoni tagħhom hija pprojbata skont il-Liġi Indoneżjana. F'konformità mal-Artikolu 3(3) tal-VPA UE-Indoneżja, il-prodotti li jaqgħu taħt dan il-kodiċi tas-SA ma jistax ikollhom liċenzja FLEGT u għalhekk ma jistgħux jiġu importati lejn l-Unjoni).
	ex 4421 90	Oġġetti oħrajn tal-injam – Oħrajn – – Laqx għas-sulfarini (mhux tal-bambù jew tal-kannadindja) u – – Oħrajn – – Blokok tal-injam għall-pavimentar (mhux tal-bambù jew tal-kannadindja)
	ex 4421 90	– Oħrajn – – Oħrajn – – – Injam fil-forma ta' zruk tas-siġar jew ta' zruk tas-siġar f'forma kwadra li jkun sarlu pproċessar sempliċi fis-superfiċje, bħal tinqix jew intaljar jew tiżbigħ fin, li ma jkollu l-ebda valur miżjud sinifikanti u l-ebda bidla sinifikanti fil-forma (SA ex 4421 90 99 00 fl-Indoneżja) (L-esportazzjoni tagħhom hija pprojbata skont il-Liġi Indoneżjana. F'konformità mal-Artikolu 3(3) tal-VPA UE-Indoneżja, il-prodotti li jaqgħu taħt dan il-kodiċi tas-SA ma jistax ikollhom liċenzja FLEGT u għalhekk ma jistgħux jiġu importati lejn l-Unjoni).
KAPITOLU 47		
	4701	Polpa tal-injam jew ta' materjal ieħor ċellulożiku fibruż; karta jew kartun (skart u fdalijiet) irkuprati: Polpa ta' injam mekkanika
	4702	Polpa ta' injam kimika, gradi li jdubu
	4703	Polpa ta' injam kimika, soda jew sulfat, ħlief gradi li jdubu.
	4704	Polpa ta' injam kimika, sulfit, ħlief gradi li jdubu
	4705	Polpa ta' injam miksuba b'taħlita ta' proċessi mekkaniċi u kimiċi ta' sfibratura
KAPITOLU 48 (2)		
	ex 4802	Karta u kartun mhux miksijin, tat-tip użat għal kitba, stampar jew għanijiet grafiċi oħrajn, u kartun tal-ippanċjar u karta għat-tejp tal-ippanċjar mhux imtaqqbin, frombli jew folji rettangolari (inklużi kwadri), ta' kull qies, ħlief karta tal-intestatura 4801 jew 4803; karta jew kartun magħmulin bl-idejn (mhux minn materjal li mhux tal-injam jew li huwa rriċiklat)
	ex 4803	Stokk ta' karta iġjenika jew tal-wiċċ, stokk tax-xugamani jew srievet u karta simili tat-tip użat għal għanijiet domestiċi jew sanitarji, materjal artab taċ-ċelluloża u xbieki ta' fibri taċ-ċelluloża, imġegħdin jew le, imkemmixin, imqabbżin, imtaqqbin, bil-wiċċ miżbugħ, bil-wiċċ imżejjen jew stampat, frombli jew folji (mhux minn materjal li mhux tal-injam jew li huwa rriċiklat)

Pajjiż sieħeb	Intestatura tas-SA	Deskrizzjoni
	ex 4804	Karta jew kartun kraft mhux miksi, frombli jew folji, ħlief dawk tal-intestatura 4802 jew 4803 (mhux minn materjal li mhux tal-injam jew li huwa rriċiklat)
	ex 4805	Karta jew kartun oħrajn mhux miksi, frombli jew folji, mhux maħdumin jew ipproċessati aktar minn kif speċifikat fin-Nota 3 għal dan il-Kapitolu (mhux minn materjal li mhux tal-injam jew li huwa rriċiklat)
	ex 4806	Parċmina veġetali, kartistrazzi, karti oljati, u glassine u karti oħrajn trasparenti jew trasluċenti, frombli jew folji (mhux minn materjal li mhux tal-injam jew li huwa rriċiklat)
	ex 4807	Karta u kartun magħmula minn kompożizzjoni (magħmulin billi jitwāhlu saffi ċatti ta' karta jew kartun flimkien b'kolla), mhux bil-wiċċ miksi jew imxappin, kemm jekk mirfudin minn ġewwa jew le, frombli jew folji (mhux minn materjal li mhux tal-injam jew li huwa rriċiklat)
	ex 4808	Karta u kartun, immewġin (b'folji ċatti nkullati fil-wiċċ jew mingħajrhom), imġegħdin, imkemmixin, imqabbżin jew imtaqqbin, frombli jew folji, ħlief karta tat-tip deskritt fl-intestatura 4803 (mhux minn materjal li mhux tal-injam jew li huwa rriċiklat)
	ex 4809	Karta saħħara, karta li tikkopja minnha nfisha u karti oħrajn għall-ikkupjar jew it-trasferiment (inkluża karta miksija jew imxappa għal stensils tad-duplikatur jew pjanċi tal- <i>offset</i>), stampati jew le, frombli jew folji (mhux minn materjal li mhux tal-injam jew li huwa rriċiklat)
	ex 4810	Karta u kartun, miksi minn naħa waħda jew miż-żewġ naħat b'kawlina (tafal taċ-Ċina) jew sustanzi oħrajn inorganiċi, b'materjal li jgħaq-qad jew le, u mingħajr ebda kisi ieħor, bil-wiċċ miżbugħ, bil-wiċċ imżejjen jew stampat jew le, frombli jew folji rettangolari (inklużi kwadri), ta' kull qies (mhux minn materjal li mhux tal-injam jew li huwa rriċiklat)
	ex 4811	Karta, kartun, materjal artab taċ-ċelluloża u xbieki ta' fibri taċ-ċelluloża, miksi, imxappin, mgħottijin, bil-wiċċ miżbugħ, bil-wiċċ imżejjen jew stampat, frombli jew folji rettangolari (inklużi kwadri), ta' kull qies, ħlief oġġetti tat-tip deskritt fl-intestaturi 4803, 4809 jew 4810 (mhux minn materjal li mhux tal-injam jew li huwa rriċiklat)
	ex 4812	Blokki, ċangaturi u pjanċi tal-filtru, ta' polpa tal-karta (mhux minn materjal li mhux tal-injam jew li huwa rriċiklat)
	ex 4813	Karta tas-sigarette, maqtugħa għal qies jew le jew f'forma ta' libretti jew tubi (mhux minn materjal li mhux tal-injam jew li huwa rriċiklat)
	ex 4814	Karta tal-ħajt u kisi simili tal-ħajt; trasparenzi tal-karta għal twieqi (mhux minn materjal li mhux tal-injam jew li huwa rriċiklat)

Pajjiż sieħeb	Intestatura tas-SA	Deskrizzjoni
	ex 4816	Karta saħħara, karta li tikkopja minnha nnfisha u karti oħrajn għall-ik-kupjar jew it-trasferiment (ħliet dawk tal-intestatura 4809), stensils tad-duplikatur u pjanċi tal- <i>offset</i> , tal-karta, ippreżentati fil-kaxxi jew le (mhux minn materjal li mhux tal-injam jew li huwa rriċiklat)
	ex 4817	Envelops, kartolini tal-ittri, kartolini sempliċi u kartolini għall-korrispondenza, tal-karta jew kartun; kaxxi, boroż, kartieri u kompendji tal-kitba, tal-karta jew tal-kartun, li fihom taħlita ta' kartolerija tal-karti (mhux minn materjal li mhux tal-injam jew li huwa rriċiklat)
	ex 4818	Karta iġjenika u karta simili, materjal artab taċ-ċelluloża jew xbieki ta' fibri taċ-ċelluloża, tat-tip użat għal għanijiet domestiċi jew sanitarji, frombli mhux usa' minn 36 cm, jew maqtugħin għal qies jew għamla; imkatar, tixjus għat-tindif, xugamani, tvalji, srievet, srievet għat-trabi, tampons, lożor u oġġetti simili domestiċi, sanitarji jew tal-isptar, oġġetti ta' lbies u aċċessorji tal-ħwejjeġ, ta' polpa tal-karta, tal-karta, ta' materjal artab taċ-ċelluloża jew xbieki ta' fibri taċ-ċelluloża (mhux minn materjal li mhux tal-injam jew li huwa rriċiklat)
	ex 4821	Tikketti tal-karta jew tal-kartun ta' kull tip, stampati jew le (mhux minn materjal li mhux tal-injam jew li huwa rriċiklat)
	ex 4822	Ġombini, irkiekel, kobob u rfid simili, tal-polpa tal-karta, karta jew kartun kemm jekk imtaqqbin jew imwebbsin (mhux minn materjal li mhux tal-injam jew li huwa rriċiklat)
	ex 4823	Karta oħra, kartun, materjal artab taċ-ċelluloża u xbieki ta' fibri taċ-ċelluloża, maqtugħin għal qies jew għamla; oġġetti oħrajn ta' polpa tal-karta, karta, kartun, materjal artab taċ-ċelluloża jew xbieki ta' fibri taċ-ċelluloża (mhux minn materjal li mhux tal-injam jew li huwa rriċiklat)
KAPITOLU 94		
		Sits (ħliet dawk tal-intestatura 94 02), kemm jekk jinbidlu f'sodod jew le, u partijiet tagħhom
	9401 61	– Sits oħrajn, bl-oqfsa tal-injam: – – Miksijin bit-tapizzerija
	9401 69	– Sits oħrajn, bl-oqfsa tal-injam: – – Oħrajn
		Għamara oħra u partijiet tagħha
	9403 30	– Għamara tal-għuda tat-tip użat fuffiċċji
	9403 40	– Għamara tal-għuda tat-tip użat fil-kċina
	9403 50	– Għamara tal-għuda tat-tip użat fil-kamra tas-sodda
	9403 60	– Għamara oħra tal-injam
	ex 9403 90	– Partijiet: – – Oħrajn (il-kodiċi tas-SA 9403 90 90 fl-Indoneżja)
		Bini prefabbrikat
	ex 9406 00	– Bini ieħor prefabbrikat: – – Tal-injam (il-kodiċi tas-SA 9403 90 90 fl-Indoneżja)

Pajjiż sieħeb	Intestatura tas-SA	Deskrizzjoni
	KAPITOLU 97	
	ex 9702 00	<p>Inċiżjonijiet, stampi u litografi oriġinali.</p> <p>Injam fil-forma ta' zkkuk tas-siġar jew ta' zkkuk tas-siġar fil-forma ta' kaxxi li jkun sarilhom ipproċessar sempliċi fis-superfiċje, bħal tinqix jew intaljat fin jew miżbugħ, li ma jkollu l-ebda valur miżjud sinifikanti u ma jwassal għall-ebda bidla sinifikanti fil-forma (SA ex 9702 00 00 00 fl-Indoneżja) (L-esportazzjoni tagħhom hija pprojbita skont il-Liġi Indoneżjana. F'konformità mal-Artikolu 3(3) tal-VPA UE-Indoneżja, il-prodotti li jaqgħu taħt dan il-kodiċi tas-SA ma jistax ikollhom liċenzja FLEGT u għalhekk ma jistgħux jiġu importati lejn l-Unjoni).</p>

(¹) ĠU L 150, 20.5.2014, p. 252.

(²) Il-prodotti tal-karta li joriġinaw minn materjal li mhux tal-injam jew li huwa rriċiklat ikollhom magħhom ittra formali mill-Ministeru Indoneżjan tal-Industrija li tivvalida l-użu tal-materjali li mhumiex tal-injam jew li huma rriċiklati. Prodotti bħal dawn ma jingħatawx liċenzja FLEGT."